Dok 92

**LEJN IT-TISĦIĦ TAL-QAFAS LEGALI GĦALL-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS – Appell mill-Imsiehba Socjali**

Ahna hawn taht iffirmati qeghdin naghmlu appell liz-zewg partiti ewlenin sabiex jaslu ghal qbil biex jipposponu id-diskussjoni dwar id-dikriminilizzazzjoni tal-kannabis, kif propost fil-White Paper: Lejn it-Tishih tal-Qafas Legali Ghall-Uzu Responsabbli tal-Kannabis, ghal wara l-elezzjoni generali li jmiss. Dan minhabba n-natura sensitiva tas-suggett li jaffettwa diversi oqsma tas-socjeta taghna. Ikun ahjar li l-White Paper ma tigix diskussa f'ambjent konfrontazzjonali ta' elezzjoni fejn jezisti il-periklu li tispicca ballun politiku u jittiehdu decizjonijiet li, waqt li forsi jappellaw ghal minoranzi li jista' jkollhom interessi diversi, ma' jkunux fl-interess tas-socjeta' in generali.

Jinhtieg li ssir ir-ricerka kollha mehtiega qabel jittiehdu certu mizuri flimkien ma' studju komprensiv dwar l-impatt socjali. Ghandu jsehh ukoll konsultazzjoni ma' kull min hu nvolut - fosthom l-imsiehba socjali - qabel jittiehdu decizjonijiet. Dan ikun jista' jsir b'mod oggettiv u bl-involviment ta' kull min hu kkoncernat wara l-elezzjoni, minghajr pressjoni fuq il-partiti sabiex jakkwistaw voti marginali waqt kampanja elettorali.

Dan l-appell qeghdin naghmluh b'responsabilta', sabiex verament ikollna diskussjonijiet infurmati u kostruttivi li permezz taghhom jittiehdu l-ahjar decizjonijiet fl-interess nazzjonali.

**2 ta' Gunju 2021**

Malta Employers' Association

Malta Chamber of Commerce Enterprise and Industry

Malta Chamber of SMEs

Malta Hotels and Restaurants Association

Union Haddiema Maghqudin (Voice of the Workers)

Confederation of Maltese Trade Unions

For.U.M.

Gozo Regional Committee

Civil Society Committee